# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella)

Vs

Mario Galea

Illum 17 ta Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Mario Galea, bin Nazzareno u Carmen Galea nee Vella, ID 294674M u joqghod St. Paul F/H, Ic-cens l-iswed, Rabat.

Billi int akkuzat talli fit-13 t'Awwissu, 2023 ghall-habta ta' 11.00 hrs f'Triq Santu Wistin, San Giljan soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GQZ788;

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti,

involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Grech li gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 226 (1)(a) Kap 9;

2. Soqt il-vettura ta' ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni GQZ788 b'manjiera traskurata. Art 15(1)(a) Kap. 65.
3. Soqt il-vettura ta' ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni GQZ788 b'manjiera perikoluza. Art 15(1)(a) Kap. 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(a) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS310 Wayne Buhagiar** xehed permezz ta` affidavit

**<u>Jonathan Grech, xehed hekk</u>**

Pros: Sur Grech inti rrapportajt inċident?

Xhud: Ijja.

Pros: Spjega l-qorti meta fejn u kif ġara l-inċident?

Xhud: Hawn bagħtitni l-mara nixxi minn Miracle Foods jien noqghod Pembroke.

Pros: Meta sinjur tiftakar?

Xhud: F`Awwissu 2023 kienu xi 10:00 jew 9.00 ta` filghodu kont qed insuq mutur.

Pros: Direzzejoni minn fejn ghall-fejn?

Xhud: Jien mort l-Miracle Foods is-Swieqi u kif sejjer lura minn Pembroke niezel in-niżla ta' Baystreet il-karozza quddiemi waqqfet mal-ġenb jien kif kont għaddej minn ma' ġenbha biex naqbiża' dar fuqi u għamel U-Turn biex imur ix-xogħol tiegħu li jiġi faċċata u hemmhekk hemm straight line li ma jistax jaqbżu qatt.

Pros: Din il-karozza li qed issemmi min kien qed isuqha?

Xhud: L-imputat Mario Galea.

Qorti: L-incident fejn sehh sinjur liema lokalita`?

Xhud: Dik tiġi San Giljan hu t-triq ta' Baystreet. Ghamilli U-Turn kull ma rajt l-abjad tal-karozza ġej għalija tefghani in-naħa

l-oħra tat-triq u bqajt dieħel ġo arblu bl-impatt għamilt il-punti għandi 11 punt subgħajja għandi saqajja mkissra b' ġrieħi li ma b'dan kollu biex jaqsam u jmur għax-xogħol naħa l-oħra ghax hu jaħdem il-VAI ma tal-ECABS.

Pros: Konsegwenza ta' dan x'ġara?

Xhud: Qatawli ċ-ċurkett tat-tieġ?

Xhud: Kemm domt nieqes mix-xogħol sinjur inti?

Xhud: Kwazi xahar ma stajtx inniżżel saqajja mal-art.

Qorti: Jiġifieri inti fi triq tiegħek kont u bqajt għaddej dritt biex niftiehmu?

Xhud: Ijja.

Qorti: U minn fejn kont għaddej inti hemm linja bajda kontinwa fit-triq qed tghidli?

Xhud: Hemm wahda sewwa imbagħad l-ispotted fiha forsi,

Qorti: Fejn sehh l-incident?

Xhud: Fejn sehh l-inċident hemm intermittenti jew le?

Xhud: Le, il-line kontinwa li qasam hu.

Pros: Meta ġara l-impatt mal-vettura inti liem naħa tal-vettura kont?

Xhud: Jiena kont fuq il-ġenb tagħha fuq din in-naħa tax-xufier qisu.

Pros: In-naħa tax-xufier naħa ta' quddiem jew ta' wara?

Xhud: Mal-mudguard ta' quddiem kont kont ga kwazi mal-mudguard ta` quddiem ghax il-mudguard rajt gej ghalija.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, Ara sinjur naqblu li inti kont mgħaġġel u qlajt erba' karozzi mhux wahda kif qed tgħidilna fil-fatt inti il-verżjoni tiegħek?

Xhud: Le le warajh kont jien ezatt ma tistax taqbeż erba' karozzi hemmhekk fejn qed tgħid inti le ma tistax taqbeż erba' karozzi hemmhekk kieku kieku għalaqna triq.

Avu: Mhux hu jaqbeż il-mutur qed ngħidlek int kont bil-mutur naqblu?

Xhud: Ezatt.

Avu: Issa bil-mutur mort taqla?

Xhud: Le le le ma qbadtx u qlajt.

Qorti: Le kien qed jaghmel lane sharing.

Avu: Le imma naqblu illi inti biex overtakjajtu mort fuq id-dotted line iktar minn dotted line?

Xhud: Le għax hu tefa' mal-ġenb biex jgħaddu karozzi oħra skont ix-xhud, ix-xhud qal he was waiting for other cars to pass.

Avu: X`taf int rajtu?

Xhud: Rajtu wieqaf jiena wieqaf mal-genb waqafli mal-genb.

Avu: Ara ngħid sew illi hu kien qed isuq meta dħalt inti fih?

Xhud: Le.

Avu: Mela kif tispjega l-fatt illi l-impatt sar fuq il-linja dotted?

Xhud: Għax hu qala` fuqi.

Avu: Ismagħni jekk kien wieqaf.

Qorti: Qed jgħidlek kont fuq sajdek għaliex spiċċajt fuq Hu qed jghidlek la kont fuq sidek ghaliex spiccajtu fil-linja tan-nofs hekk qed jghidlek jew ma kontx fil-linja tan-nofs kif qed jgħid jew inkella spjegazzjoni għaliex spiċċat fil-linja tan-nofs.

Xhud: Le jiena ma kontx le le ma kontx fuq il-linja tan-nofs.

Avu: L-impatt sar fuq il-linja tan-nofs.

Xhud: Ma sarx fuq il-linja tan-nofs ma sarx fuq il-linja tan-nofs jien maġenbu eżatt kont jekk jekk tefa' l-karozza mal-ġenb kelli l-ispazju biex ngħaddi jiena u la sinjal ta' indikejter xejn ma kellu.

Avu: Mela għaliex meta kellmuk l-ewwel darba lill-pulizija tajthom kont qed insuq ma ġenb u kont se naqalgħu u kif kont mal-bieba tiegħu dawwar imbagħad tgħid kont għaddej wara l-vettura rajtha titfa naqra mal-ġenb biddilt il-verżjoni x'kien l-iskop minn dak il-parir tbiddel il-verżjoni?

Xhud: Le hadd ma tani parir inbiddel il-verzjoni għax meta ġew jieħdu l-istatement jiena tistaqsi l-pulizija fuq il-post ngħajjat bl-għajjat jista' jgħidlek hu sejjer ħa ħa ħa bla nifs ta' hajja daqshekk punti hawnhekk orrajt  u gie johodli l-istatement dak il-ħin għalhekk tajt l-ewwel verżjoni u kif ħriġt mill-isptar mort l-għassa u tgħid il-verżjoni korretta.

**Ikkunsidrat**

Ma hemmx affidavit mediku u bhekk l-ewwel (1)imputazzjoni ma tirrizultghax. Dwar it-tieni(2) u t-tielet (3) imputazzjoni, l-midrub ipprovda zewg verzjonijet takif sehh l-incident u bhekk hemm kunfitt ta' provi dwar id-dinamika tal- incident u ma hemmx l-livell t, provi rikjest fil-kamp kriminali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l- artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) kap 65 L.S. 65.18Art 36(B) il-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Mario Galea hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**